MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 2/2003

**Josephine Agius**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Lulju, 2003 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Dan l-appell qed isir mid-decizjoni tad-Direttur li permezz taghha l-appellanti giet mitluba sabiex tibda tirregistra ghax-xoghol sabiex tircievi l-Ghajnuna Socjali ghad-Dizimpieg minflok l-Ghajnuna Socjali u dan wara li giet ezaminata mill-Bord Mediku.

L-appellanti pprezentat certifikat mediku tal-Psikjatra Dr. J. Vella Baldacchino.

Jirrizulta pero` illi fuq il-Bord Mediku, wiehed mill-membri kien Psikjatra u ghalhekk mhux indikat li l-kaz jerga' jigi riferut lill-Bord Mediku.

Peress illi d-decizjoni appellata ittiehdet fit-termini tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali, l-Arbitru jichad dan l-appell."

Ir-rikorrenti appellat minn din id-decizjoni ta' l-Arbitru bl-aggravju, li hi tiddefinih bhala principju ta' importanza materjali, illi l-Arbitru cahhadha mid-dritt li l-qaghda medika taghha terga' tigi ri-ezaminata. Hi tissottometti illi l-kondizzjoni ta' patologija mentali kronika taghha, bis-support ta' certifikat mediku 'ex parte', giet injorata u skartata mill-Arbitru. Tissottometti wkoll illi n-nuqqas ta' rimedju provdut jikser id-dritt fundamentali taghha. Tikkontendi, mbaghad, illi l-kaz taghha gie trattat mill-Bord mediku b'mod sommarju u spiccjattiv minghajr indulgenza lejn il-qaghda vera taghha. Hi ghalhekk tikkunsidra l-agir ta' dan il-Bord bhala abuziv, irregolari u illegali.

Bhala fatti antecedenti ghar-rikors taghha lill-Arbitru jirrizulta mill-atti fl-inkartament illi l-appellanti kienet ir-recipjenti ta' ghajnuna socjali ghall-mard. Din l-assistenza giet imwaqqfa lilha mid-Direttur ghar-raguni li l-Bord mediku sabha tajba ghax-xoghol. Id-Direttur innotifika din id-decizjoni tieghu lir-rikorrenti li appellat minnha lill-Arbitru. Il-konkluzjoni ta' dan tal-ahhar kienet fis-sens tal-konsiderazzjoni tas-sentenza appellata kif aktar il-fuq espost.

Huwa evidenti li r-rikorrenti appellanti qed tistieden lil din il-Qorti biex tirrivaluta dak li ffoka fuqu l-Arbitru, jigifieri li ma kienx hemm raguni biex il-kaz taghha jerga' jigi rimess lil panel mediku ghar-ri-ezami tieghu.

Biex ma tinkorrix ir-riskju li tidher li l-Qorti affrontat l-aggravji taghha b'mod semplicistiku gew ezaminati akkuratament l-atti kollha bl-iskop li tidentifika jekk it-talba

tar-rikorrenti, michuda mill-Arbitru, kienetx timmerita li tigi akkolta.

Bir-rispett kollu ghas-sitwazzjoni li l-appellanti tallega li ghadha sofferenti minnha, din il-Qorti ma taqbel xejn illi l-kwestjoni agitata tikkontjeni principju ta' importanza materjali. Ma taqbilx li c-cirkostanzi tal-kaz jinvolvu principju ta' mportanza jew mhux. Dan ghaliex minn dak li jirrizulta c-cirkostanza hi wahda merament ta' fatt determinat minn panel ta' esperti medici li stabbilew li l-appellanti kienet medikament tajba ghax-xoghol. Din allura kienet rizultanza fattwali u xejn aktar. Rizultanza li l-Arbitru kellu jikkordalha l-gharfien u r-rispett shih tieghu una volta jistabilixxi, kif hekk jirrizulta li stabilixxa, illi din inghatat minn bord ta' tobba approvat li fost il-membri tieghu kien hemm ukoll psikjatra li nvestiga l-aspett mediku tal-ilment tar-rikorrenti.

Ghal dak li jghodd jirrizulta li d-Direttur tas-Sigurta` Socjali ma ddecidiex 'in vacuo' izda kif hekk jinghad fl-Artikolu 106 tal-Kap 318 ikkonsulta dwar l-aspetti medici "ma' persuna wahda jew aktar li jkollhom warrant biex jezercitaw il-professjoni medika mahtura mill-Ministru ghal dan il-ghan".

Jidher ghalhekk li d-Direttur appellat sewwa ezercita d-diskrezzjoni tieghu biex wasal ghad-decizjoni li jwaqqaf l-ghajnuna socjali li sa dakinhar kienet qed tinghata lill-appellanti.

Minn naha tieghu wkoll l-Arbitru fil-kostatazzjoni li ghamel biex jirrevedi d-decizjoni tad-Direttur jidher li ha in konsiderazzjoni l-kwadru shih tal-fatti kif sottomessi inkluz ukoll li accerta ruhu illi fil-panel tal-esperti medici konsultati kien hemm effettivament espert idoneu fil-kamp tal-kondizzjoni medika lamentata mill-appellanti.

Una volta li din il-Qorti hi tal-fehma li l-Arbitru sewwa kkonsidra l-kaz li kellu quddiemu u kien sodisfatt illi l-kondizzjoni psikika tal-appellanti giet epurata u determinata minn panel mwaqqaf appozitament biex b'mod kwalifikat u espert jaghmel l-apprezzament gust

tieghu fil-parametri tan-natura teknika-medika tal-kwestjoni, ma kienx il-kaz li din il-Qorti tezamina kif din giet applikata ghal fatt in ezami.  L-appell ghalhekk ma jistax jigi sostnut.

Forsi jista’ jizdied ukoll illi, kif drabi ohra ravvizat minn din l-istess Qorti, l-appellanti kellha kull opportunita` li tikkonvinci xort’ohra lil panel mediku (“**Mary Rota – Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, Appell, 16 ta’ Dicembru 2002).  Il-fatt li f’dan il-kaz anke jekk munita b’certifikat ex-parte ta’ Psikjatra kwalifikat ma rnexxiliex twassal lill-bord tat-tobba biex jaghtu gharfien u jaccettaw il-kondizzjoni allegatament kronika taghha ma jfisserx illi b’daqshekk il-Bord jigi akkuzat b’indagini superficjali u ngusta.  Akkuza li mill-atti fil-verita` ma jirrizultax li kien hekk il-kaz.  Lanqas, imbaghad, ma kien mistenni li l-appellanti tintilef f’dijatriba kontra l-istess panel ta’ tobba sempliciment ghax ir-rizultanzi tieghu ma kienetx kif xtaqithom jew ippretendiet hi.  Fir-rigward din il-Qorti bhal ma dejjem ghamlet tikkundanna fi skritturi quddiemha l-uzu ta’ certa frazejologija u ghazla ta’ kliem li l-istess ligi ta’ procedura tikkundanna bhala improprji u oggezzjonabbli.

Ghall-motivi kollha fuq dedotti l-appell interpost mir-rikorrenti qed jigi rigettat u d-decizjoni tal-Arbitru konfermata.  Kif jidher li hu konswet tenut qies tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------